# KUNSILL LOKALI MQABBA

29, TRIQ IL-PARROĊĊA, MQABBA MQB 1512

TEL: 2168 0622 /2701 3040 • FAX: 2168 0606

E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt

WEB SITE: www.mqabba.gov.mt /www.lc.gov.mt

Minuti tas-seduta numru disgħa u sittin (69) tal-Kunsill Lokali Mqabba, (KLM) li nżammet nhar it-Tlieta, 15 ta' Marzu 2011, fil-Bini Amministrattiv tal-Kunsill fis-6:45pm.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Noel Galea | Sindku |
| | Nicholas Briffa | Kunsillier |
| | Grace Marie Mallia | Kunsillier |
| | Paul Spiteri | Kunsillier |
| | Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv |

1. Il-laqgħa bdiet b'minuta silenzju b'rispett għal omm Paul Spiteri, li ħallietna matul il-ġimgħa li għaddiet, fil-waqt li s-segretarju eżekuttiv informa lill-kunsillieri illi l-viċi sindku ma setgħax jingħaqad magħna llejla għaliex ma jiflaħx. L-assenza tiegħu kienet aċċettata mill-KLM.

2. Is-sindku ppresjeda l-laqgħa u qal it-talba.

3. Is-seduta bdiet ftit tard mil-ħin li kien fih skedat, għaliex fis-6:30pm saret **preżentazzjoni ta' ċertifikati** ta' parteċipazzjoni għall-istudenti, fosthom numru nkoraġġanti ta' adulti li attendew korsijiet ta' taħriġ fil-*computer* kif ukoll l-arti matul il-ġimgħat li għaddew.

4. Il-**minuti tas-seduta** preċedenti li kienu mgħoddijin lill-kunsillieri permezz ta' *e-mail* aktar kmieni matul din il-ġimgħa li għaddiet, sarulhom il-korrezzjonijiet li dehrilhom il-kunsillieri, u li huma indikati bil-linka fuq il-kopja oriġinali u wkoll inizjalati mis-sindku u s-segretarju eżekuttiv, u ġew unanimament **approvati** u ffirmati.

5. Fil-punti li ħarġu mill-minuti, il-KLM kien infurmat bl-avviż li se jidher fil-ħarġa li jmiss tal-gazzetta tal-gvern għal **stimi** li talab biex ikunu kkunsidrati mil-Kunsill Lokali Mqabba taż-Żgħażagħ. Dawn jikkonsistu fi twaħħil ta' ***Wi-Fi*** fil-Pjazza tal-Knisja, twaħħil ta' ***CCTV*** fl-istess pjazza, pubblikazzjoni ta' **kalendarju 2011** biex jitqassam f'kull dar tar-residenti tagħna, kif ukoll produzzjoni ta' **dokumentarju** dwar l-Imqabba. Dwar il-*monitor* (**televiżjoni)** fil-Pjazza tal-Knisja li permezz tiegħu wieħed se jkun jista' jikseb informazzjoni mhux biss dwar is-servizzi li nsibu fir-raħal, iżda wkoll dwar l-aħbarijiet tal-KLM, is-sindku qal li jinħtieġ li nakkwistaw kopja tad-dokument tal-offerti mingħand xi ħadd professjonali, filwaqt li kienu approvati l-*BOQs* tal-istimi indikati f'dawn il-minuti. Permezz tal-ħaddiema tal-*IPSL* se naħdmu *cabinet* biex fih ikun jista' jitpoġġa l-apparat elettroniku fil-Pjazza tal-Knisja.

6. Is-sindku informa lill-kunsillieri li issa twettaq ix-**xogħol kollu ta' kostruzzjoni** fit-toroq: Ġużeppi Galea, Ġiacomo Tortella, Innoċenz Zammit kif ukoll Annetto Caruana. Sadanittant laħaq ħareġ il-permess biex jibdew ix-xogħlijiet fi Triq il-Pal, Troll, Xriek, Mitħna u l-Aħwa Ghigo. Issemma l-ilma tax-xita li minn Misraħ il-Missjoni ż-Żgħira jaqleb għal Triq il-Mitħna, li qed ikun ta' skumdità għar-residenti minħabba l-kwantità kbira li tinġema'. Is-sindku qal li għada se jitqassmu l-ittri lir-residenti ta' dawn it-toroq ħalli jkunu avżati li se jibdew dawn ix-xogħlijiet fihom, filwaqt li se nagħmlu ħilitna biex jitneħħa min-nofs l-arblu tad-dawl li ilu għal diversi snin metru 'il barra fit-triq (Xriek) u b'hekk, nevitaw il-periklu. Dan s'intendi jimplika li trid titressaq ukoll lampa tad-dwal tat-toroq.

7. Dwar it-**trinka** li hija meħtieġa li ssir fil-**Pjazza tal-Knisja** biex minnha jgħaddu *cables* tal-elettriku u jiġi eliminat *overhaead cable*, il-KLM kien infurmat li għadu għaddej l-*istrike* intern fil-Korporazzjoni Enemalta li tefgħana lura, għaliex dawn l-impjegati ma jistgħux joħorġu l-ordni biex ifornu 'l-kuntrattur bil-materjal.

8. Dwar ix-xogħol skedat li jsir fi **Triq il-Fjuri**, fejn hu ttamat li nirkupraw parti sostanzjali mill-ispejjeż tiegħu mil-fondi tal-Fond għat-Titjib Urban, intqal li l-*MEPA* jinħtieġu l-livelli. Intant intbagħtet ittra ta' kjarifika lilhom biex naraw x'jimplika xogħol ta' *third parties* kif indikat fl-ittra tagħhom.

9. Is-sindku qal li permezz tal-Onor Chris Said, il-KLM se jibbenefika minn **€30,000** bħala parti mil-ħlas li jrid bih jitħallas il-Kuntrattur *Asfaltar Ltd* għall-**estensjoni tal-*culvert system*** li trid issir **fi Triq il-Fjuri** sabiex l-ilma jintefa' fil-ġibja ta' quddiem l-iskola.

10. Il-KLM approva li jkun iffirmat **il-kuntratt mal-fornitur *Greenpak Coop*** biex jieħu ħsieb il-ġbir tal-iskart nhar ta' Tlieta (dak isseparat) kif ukoll it-tbattil tal-*bring in sites* li għandna madwar ir-raħal, għal sena oħra. Il-kunsillieri kienu tal-ideja illi din l-istess kumpanija terġa' tissupplixxi lir-residenti tagħna bil-boroż tal-*plastic* riċiklabbli kif kienet għamlet madwar sena ilu. Dwar l-aspett tas-separazzjoni tal-iskart, intqal illi sfortunatament il-każini tar-raħal, jidher li mhux qed jisseparaw l-iskart tagħhom. Waqt il-laqgħa li ser tinżamm magħhom dwar il-*Bye-Law* tal-kontenituri tal-ħġieġ li ressaq il-KLM u għaddiet mill-gvern ċentrali, nhar it-Tnejn 21 ta' Marzu 2011 fil-Bini Muniċipali, fiha nqajmu wkoll il-punt tas-separazzjoni tal-iskart. Hawn Paul Spiteri qal li dawn il-każini għandu jkollhom provista ta' *bins* apposta u jinsab ċert illi l-*barmen* se jmorru aħjar b'din il-*bye-law* għaliex biex nieħdu eżempju wieħed, il-fliexken tal-birra mhux jinġabru kollha u dan ifisser telf finanzjarju. Anke fir-rigward tat-tazzi – permezz tal-*bye-law* m'hemmx ċans li jinsterqu u jinkisru.

11. Kienu msemmija linji sħaħ tal-elettriku li magħhom hemm imqabbda numru ta' **lampi tat-toroq** maqtugħa fi Triq Mikelanġ Sapiano u Daħlet l-Isptar il-Qadim. Dan peress li kien hemm ħsara fuqhom. Hawn is-sindku qal li nbidlu diversi *chokes*, lampi u *ignitors* tal-lampi ta' Triq Karmenu Ciantar li jinsabu fuq arbli tad-dawl dekorattivi.

12. Laħħaqna fil-ħin in-**nomina tas-Surmast Joseph Tonna** li kienet referuta lil *CareMalta* biex tkun ikkunsidrata ma' dawk oħrajn fil-kompetizzjoni *Nazzareno Vassallo Award*. Is-sindku qal li Mro Tonna aċċetta, u imlejna s-*CV* tiegħu, fejn fost affarijiet oħra l-KLM qed japprezza is-sehem tiegħu senza interessi biex jgħallem u jferraħ permezz tal-mużika tfal u anzjani rispettivament.

13. Se jsiru il-**marki tat-traffiku** kif indikat lilna minn *Transport Malta (TM)* hekk kif tiġi kklarifikata mill-*Ombudsman* mal-istess *TM* jekk hemmx bżonn li jsir *single (no parking)* jew *double yellow line (no stopping)* fi Triq Mikelanġ Sapiano fil-post bejn żewġt idjar fejn skond *TM* ma toqgħodx vettura minħabba li m'hemmx spazju biżżejjed.

14. Se naraw f'hiex waslu l-applikazzjonijiet tal-**lampi tat-toroq** ġodda li talab il-KLM fil-Pjazza tal-Knisja kif ukoll bejn Triq Ġanni Darmanin għal Triq Mro George Martin. Is-segretarju eżekuttiv kien infurmat illi l-lampi maħruqa f'Ta' Għadajma li kien irrapporta lill-Korporazzjoni Enemalta (għaliex jinsabu fuq arbli) iridu jerġgħu jiġu rrappurtati lil *Nexos Street Lighting* għaliex dawn inħarqulhom il-*fuses* aktarx b'xi sajjetta. Din l-infomrazzjoni kienet mgħoddija mill-ħaddiema tal-Enemalta lis-sindku.

15. Kollox jinsab lest biex jibda jsir l-*audit* għas-sena 2010 fit-28 ta' Marzu, 2011. Dan wara li twasslu l-*financial statements* għall-*vetting* tal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Awditur.

16. Is-segretarju eżekuttiv kien mitlub sabiex isib l-**irċevuti tas-Sur Lonzu Mifsud** li kien għadda lill-KLM biex jitlob refużjoni fuq xogħol ta' drenaġġ fi stabbiliment tiegħu fil-pjazza, liema talba ma kienetx intlaqgħet dak iż-żmien mill-KLM; dan bi żvista ma kienx żamm kopja.

17. Is-sindku qal li tħabbar mill-Ministru responsabbli mit-Toroq, L-Onor Dr Austin Gatt li se jsiru xi **toroq fil-lokalità** tagħna mill-gvern ċentrali. Dwar dan se nindagaw x'inhuma l-pjani tal-gvern u jekk it-toroq arterji humiex parti minn dan il-proġett.

18. Għall-iskema mħabbra ftit tax-xhur ilu dwar ir-**riġenerazzjoni tal-*Housing Estate*** mill-Awtorità tad-Djar, is-sindku qal li minkejja li għad fadlilna sal-2013 x'nistennew, huwa ta' nkoraġġiment il-fatt li ġejna aċċettati. Aktar tagħrif hu maħsub li jingħata meta jsir il-*launching* uffiċjali ta' din l-iskema.

19. Is-sindku ħabbar li l-KLM ikkwalifika għal **applikazzjoni tal-Unjoni Ewropeja (UE)** magħrufa bħala Miżura 313. Hu qal li l-fatt li ġejna aċċettati jfisser li hemm allokat għalina €467,000. Infatti din l-iskema taħseb biex 75% tal-fondi jkunu magħtija mill-UE u 25% tal-fondi joħroġhom l-applikant li eventwalment se jkun sostnut mill-gvern ċentrali. Għaldaqstant il-pass li jmiss hu li jsiru d-dokumenti tal-offerti u jinħarġu l-istess offerti, għaliex kemm il-pjanti kif ukoll il-permessi huma lesti. Intant il-Kummissarju tal-Artijiet talabna kopja ta' dawn il-pjanti li kienu saru mal-applikazzjoni fl-2009 fejn is-sindku fakkar li konna nfaqna flejjes kbar biex saru d-diżinji. L-impenn tal-KLM se jkun illi dan se jidħol responsabbli mhux biss waqt l-implimentazzjoni tal-proġett infrastrutturali iżda wkoll wara li dan jitlesta, bil-mira li fl-Imqabba jinġiebu uffiċjalment 500 turist fis-sena jew aktar, li jżuru l-**inħawi tal-Mentna**.

20. Dwar is-servizz ta' avukat għar-**Reġjun tan-Nofs-in-Nhar**, is-sindku qal li kien żvelat f'laqgħa li kellu dan l-aħħar, li jridu jitħallsu u jinqasmu fuq il-kunsilli kollha konċernati. Dan ħareġ ċar meta huwa kellu laqgħa tar-reġjun, filwaqt li kien enfasizzat li ma rridux nitgħabbew b'piż mhux raġjonevoli fejn tidħol is-sistema tal-infurzar lokali. Infatti Noel Galea, ressaq proposta li għandu jsir seminar fuq din il-materja għall-kunsilli tar-reġjun.

21. Kienu approvati l-*payment approval sheets* numri 408 u 409.

22. Nicholas Briffa staqsa jekk is-***central strip*** fejn il-ħanut taż-żebgħa fi **Triq il-Konvoj ta' Santa Marija** hux se tinqala' u tinbidel bħalma sar fil-kumplament tal-*by-pass* filwaqt li kien rikonoxxut li hemm diżlivelli bejn il-karreġġjata u s-*service road*. Hawn is-sindku qal illi se nippruvaw nagħmluha permezz tal-*MRAE* kif saret il-kumplament tagħha.

23. Nicholas Briffa semma attività li se tinżamm nhar is-27 ta' Marzu 2011 fl-10:00am fejn se jsir **it-tberik tal-annimali mill-Partit Laburista** waqt li dawn jimxu minn Triq il-Konvoj ta' Santa Marija (fejn il-ġibjun) għal Triq Karmenu Ciantar għall-Pjazza tal-Knisja.

24. Is-sindku qal li waslet in-*no objection* minn *Transport Malta (TM)*, bħala risposta għall-proposta tal-KLM fejn kienet issuġġerita biex **Triq San Mikiel tingħalaq għat-traffiku** *'except for access vehicles'*. Dan wara li l-KLM wettaq il-proġett ta' pavimentar ta' din it-triq dejjqa iżda b'karatteristiċi ta' raħal, matul l-2010. Dwar dan se niktbu lir-residenti t'hemm u nagħtuhom id-data li fiha se tingħalaq it-triq.

25. Is-segretarju eżekuttiv semma l-laqgħa li inżammet fostna mis-**Soċjetà Maltija għat-Turiżmu** fejn fiha qed ikun hemm diversi suġġerimenti validi fosthom l-iffirmar ta' *Memorandum of Understanding* li kopja tiegħu kienet mogħtija lill-kunsillieri.

26. Il-laqgħa ntemmet fit-8:30pm u dik li jmiss se tinżamm nhar it-Tlieta, 29 ta' Marzu 2011 fis-6:30pm.

| | | | |
|---|---|---|---|
| *Magħmula minn* | **Anthony Bonello**<br>**Segretarju Eżekuttiv** | *u approvati llum*<br>*29 /03 /2011 minn:* | **Noel Galea**<br>**Sindku** |